# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2001**

**Numru 16**

**Citaz. numru 753/99 AJM**

**Fava Woodworks Limited**

**vs**

**Carin Construction Limited**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI ; IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA' ATTRICI**

1. Bic-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Marzu 1999, fl-ismijiet fuq premessi, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, s-socjeta attrici wara li ppremettiet li s-socjeta konvenuta kienet debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, seba' mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm1,736) bilanc lilha dovut ghall-ghamara li nhadmet ghar-Ramla Bay Hotel u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici ; u illi s-socjeta konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas dik is-somma baqghet

inadempjenti ; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici ; talbet li dik il-Qorti, tiddispensa mis-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta u in vista ta' l-affidavit guramentat anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok LF1 :

(i) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, seba' mija u sitta u tletin lira (Lm1,736) bhala bilanc lilha dovut ghall-ghamara li nhadmet ghar-Ramla Bay Hotel u ikkunsenjati lilha mis-socjeta attrici.

(ii) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-imghax skond il-ligi mid-data li l-pagament kien dovut skond l-ittra ufficjali datata 22 ta' Frar, 1999. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta' Frar, 1999 u dawk tal-mandat ta' sekwesru kawtelatorju numru 1094/99 u bl-imghax skond il-ligi kontra s-socjeta konvenuta.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

2. B'sentenza taghha tat-3 ta' Mejju, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili wara li rat l-affidavit tas-socjeta attrici u d-dokumenti l-ohra u wara li rat il-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi meta

ssejhet il-kawza ma deherx u peress illi fic-citazzjoni t-talba kif dedotta fic-citazzjoni dehret gustifikata u deher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata dak in-nhar stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura ta’ l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili iddecidiet billi laqghet it-talba tas-socjeta konvenuta.

**L-APPELL TAS-SOCJETA’ KONVENUTA**

3. Is-socjeta konvenuta hasset ruhha aggravat b’din is-sentenza u interponiet appell minnha fuq l-aggravju li gej :

(i) Illi fit-3 ta’ Mejju, 1999 il-kawza giet mghajta fid-9:05am. Prezenti fl-Awla kien hemm rapprezentant tas-socjeta attrici u l-avukati difensuri tal-kontendenti. L-avukat sottoskritt li kien qed jidher ghas-socjeta konvenuta nforma l-Qorti illi r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta u cioe l-accountant ma setghax jattendi l-Qorti peress illi l-mara tieghu kienet ser tiddahhal l-Isptar ghaliex kienet qed tistenna tarbija. Il-Qorti sostniet illi l-accountant huwa impjegat u mhux il-konvenut. L-avukat sottoskritt gharraf il-Qorti bl-eccezzjonijiet prima facie tas-socjeta konvenuta imma l-Qorti irrifjutahom ghaliex sostniet illi la darba ma kienx hemm il-konvenut prezenti l-avukat ma setghax jitkellem. Il-kawza giet posposta ghas-sentenza u deciza ftit wara.

(ii) Illi bir-rispeett, is-socjeta esponenti ma taqbilx ma l-interpretazzjoni verbali ta' l-Ewwel Qorti li l-accountant tas-socjeta attrici huwa biss impjegat taghha u ghaldaqstant mhux il-konvenut. L-accountant huwa impjegat full-time mas-socjeta konvenuta u kien u ghadu debitament awtorizzat jidher ghas-socjeta konvenuta. Huwa l-persuna li l-izjed taf x'ghandha taghti jew tiehu l-istess socjeta konvenuta ferm aktar mid-direttur. La darba l-accountant kien debitament awtorizzat biex jidher ghas-socjeta konvenuta u li minhabba c-cirkostanzi li nqalghu u li kawza taghhom ma setghax jattendi ghas-seduta, l-Qorti messha se mai iddiferiet il-kawza ghal data ohra b'dan illi kawza tibqa' tinstema' bil-procedura maghrufa tal-'giljottina'.

(iii) Is-socjeta konvenuta wkoll lanqas ma tista' taqbel ma' l-interpretazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi la darba l-konvenut ma kienx prezenti, l-avukat difensur ma setghax jitkellem. Hija l-prattika kwazi f'kull awli li l-avukat difensur fil-kawzi bil-giljottina jinforma l-Qorti bl-eccezzjonijiet li jrid jaghti l-konvenut. Hekk gara f'dan il-kaz u hekk seta' jsir ghaliex l-artikolu 170 tal-kap 12 hekk jiddisponi illi l-konvenut jista jopponi l-procedura li biha nqeda l-attur "bil-gurament tieghu <u>jew xort'ohra</u>, li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed biex turi li ghandu eccezzjonijiet prima facie……..". Is-socjeta konvenuta appellanti ghaldaqstant tissottometti illi l-avukat difensur taghha setgha skond il-ligi jopponi t-talba. Tant huwa dan li effettivament gab dawn l-

eccezzjonijiet a konjizzjoni tal-Qorti, ghaliex kien debitament awtorizzat li jaghmel dan, imma l-Qorti ma haditx konjizzjoni taghhom.

(iv) Il-konvenut f'din il-kawza huwa persuna guridika u ghaldaqstant ma tistghax tkun fizikament prezenti fl-Awla tal-Qorti. Jista jidher ghaliha kwalunkwe persuna li tkun debitament awtorizzata minnha. Hekk gara f'dan il-kaz u l-esponenti bir-rispett kollu jissottometti illi l-Ewwel Qorti kienet fid-dover li tiehu konjizzjoni mill-eccezzjonijiet tal-konvenut qabel ma ddecidiet li kien hemm lok li s-sentenza tinghata dak in-nhar stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-Procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12.

(v) Apparti mill-kwistjoni illi x-xoghol li ghamlet is-socjeta attrici fih xi difetti, l-istess socjeta attrici taf illi parti mill-ammont li qed titlob mhux dovut ghaliex meta hadet il-kuntratt tax-xoghol, kellhom jinqatghu Lm450 mill-prezz ghal materjal li hadet. Is-socjeta konvenuta talbet li taghmel kontro-talba. L-appellanti jsostnu illi b'dan kollu s-socjeta attrici kienet taf u ma tarax allura kif seta' l-attur li jirrapprezenta lis-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament illi s-socjeta konvenuta ma kelliex ebda eccezzjoni x'tissottometti kontra r-ragunijiet u t-talbiet attrici. L-affidavit li fuqu tistrieh din il-procedura sommarja specjali ma jistghax jigi accettat bhala jissodisfa r-rekwisti li trid il-ligi.

(vi) Ghalhekk is-socjeta appellanti tissottometti bir-rispett illi hi giet imcahda milli taghmel l-eccezzjonijiet taghha, jew ossia dawn ma gewx mismugha u b'hekk ma setghatx tiddefendi l-kawza skond ma jitolbu l-principji tal-gustizzja naturali.

Ghaldaqstant, is-socjeta konvenuta appellanti talbet illi din il-Qorti tirrevoka u thassar jew talvolta tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla Civili moghtija fit-3 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Fava Woodworks Limited vs Carin Construction Limited Citaz. Nru. 753/99 AJM u tichad it-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta attrici appellata jew li din il-Qorti tawtorizza u tippermettilha li tressaq l-eccezzjonijiet taghha minhabba li giet imcahhda milli taghmel dan fl-Ewwel Qorti biex b'hekk issir gustizzja skond l-ligi.

**<u>IR-RISPOSTA TAS-SCOJETA' APPELLATA FAVA WOODWORKS LIMITED</u>**

4. Is-soceta appellata wiegbet hekk :

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

(ii) Illi dan huwa appell minn sentenza deciza mill-Ewwel Onorabbli Qorti wara li gew istitwiti proceduri kontra s-socjeta konvenuta, illum appellanta, maghrufa bhala "bil-giljottina".

(iii) Illi dwar din it-tip ta' procedura, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha datata 7 ta' Ottubru, 1997 fl-ismijiet John Ripard et noe vs Eliseo Muscat pro et noe kienet qalet :

> *" ghandu jkun car ukoll illi qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax minghajr raguni gravi l-apprezzament li tkun ghamlet l-Ewwel Qorti tal-punti ta' fatt u ta' dritt illi javvanza l-konvenut bhala li jintitolawh li jopponi t-talbiet attrici jew li jipprezenta kontro talba ghalihom.*
>
> *Altrimenti l-istitut kollu tal-procedura specjali sommarja jigi znaturat u jintilef il-vantagg ta' mezz tant utili u effikaci kif kreditur jista jigi sodisfatt mill-kreditu tieghu bla dewmien zejjed fil-proceduri gjudizzjarju u intralc inutili da parti tad-debitur konvenut".*

(iv) Illi meta l-partijiet dehru quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, l-avukat tas-socjeta appellanti informaha illi kellu jigi l-accountant tal-imsemmija socjeta konvenuta, illum appellanta ;

(v) Illi huwa minnu li l-kawza giet posposta ghas-sentenza, izda giet deciza ghall-habta ta' 12:00pm u allura jekk is-socjeta konvenuta riedet tattendi l-Qorti hija setghet taghmel hekk u bil-presenza taghha, hija mbaghad setghet tikkontesta t-talba tas-socjeta appellata, allura attrici. In oltre,l-istess socjeta appellanta kellha mid-9:00am sa 12:00pm biex jidher xi rapprezentant taghha.

(vi) Illi s-socjeta appellanti tammetti fit-tieni aggravju taghha illi a parti l-accountant, kien hemm u ghad hemm diretturi ohra li setghu jattendu

dak in-nhar sabiex jipprovaw jikkontestaw il-kawza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

(vii) Illi oltre dan, l-istess socjeta appellanta tammetti ukoll illi hi ghandha taghti flus lis-socjeta appellata. Is-socjeta appellanta tghid illi hi ghandha tiehu, jew li thallsu xi flus diga, izda hi ghandha l-mezzi gjudizzjarji taghha, u ma tistghax tostakolu l-hlas dovut lis-socjeta appellta. Is-socjeta appellanta taf li ghandha thallas u dak hu l-obbligu taghha.

(viii) Illi dwar it-tielet aggravju tas-socjeta appellanta ma hemmx qbil assolutament u dan proprju minhabba li l-artikolu 170 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) jitkellem dwar "**il-konvenut**". Hija l-prsenza tal-konvenut li taghti dritt lill-avukat tal-parti jitkellem f'dawn it-tip ta' proceduri. Dan hu konfermat ukoll mid-dicitura ta' l-imsemmi artikolu 170 (1) li tghid testwalment :

> "Jekk il-konvenut jibqa kontumaci, jew, jekk jidher, ma jopponix bhala mhix regolari jew li ma tghoddx ghall-kaz, il-procedura li biha nqeda l-attur, inkella, jekk jaghti din l-eccezzjoni u ma tigix milqugha, ma jaghtix prova, bil-gurament tieghu, jew xort'ohra, li fil-fehma tal-qorti tkun bizzejjed biex turi li ghandu eccezzjonijiet *prima facie*, fil-ligi jew fil-fatt xi jgib kontra l-meritu ta' l-azzjoni, jew xort'ohra ma jgibx fatti jew punti ta' ligi li jistghu jitqiesu li jkunu bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jaghmel kontro-talba, il-qorti tiddecidi minnufih il-kawza, billi tilqa' t-talba tal-attur. Il-konvenut jista' jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu biex jattakka l-procedeminti maghmula mill-attur bhala mhux regolari jew li ma jghoddux ghall-kaz permezz ta' nota li tigi pprezentata fir-registru tal-qorti jew fl-udjenza."

(ix) Illi huwa l-konvenut li bil-gurament tieghu, jew xort'ohra irid jaghti l-prova "li fil-fehma tal-qorti tkun bizzejjed biex turi li ghandu eccezzjonijiet prima facie, fil-ligi jew fil-fatt xi jgib kontra l-meritu ta' l-azzjoni……..".

(x) Illi l-ligi hi cara. Ubi lex voluit lex dixit. Il-konvenut jissemma u mhux l-avukat tieghu proprju minhabba l-fatt illi huwa l-konvenut fl-ahjar posizzjoni li jwiegeb lill-Qorti ghat-talbiet ta' l-attur.

(xi) Illi l-intenzjoni tal-legislatur tant kienet illi huwa biss il-konvenut li jista jikkontesta t-talba bil-procedura maghrufa bhala "tal-giljottina" illi fl-artikolu 169 tal-Kapitolu 12, jinghad li "……… ic-citazzjoni ghandha tkun innotifikata lill-**konvenut** minghajr dewmien ; u **huwa ghandu jigi mharrek biex jidher**………..". Is-socjeta appellata hekk ghamlet. Harrket lis-socjeta appellanta u allura jigi li kellu jidher rapprezentant taghha. Jekk ma setghax l-accountant, u dan dejjem kif allegat fir-rikors ta' l-appell, setghu jattendu diretturi ohra. Il-presenza tal-konvenut f'dawn it-tip ta' proceduri hija sine qua non.

(xii) Illi fuq l-interpretazzjonit ta' dawn l-artikoli, (inkluz l-artikolu 170 tal-Kap 12), din il-Qorti qalet illi "*Dawn l-artikoli tal-ligi ……… iridu jigu nterpretati litteralment u restrittivament ……….*" (Vide : **Bartolomeo**

**<u>sive Albert Caruana vs Paola Buffa noe</u>** – 28 ta' Frar, 1997, Qorti ta' l-Appell).

(xiii) Illi fir-raba' paragrafu taghha s-socjeta appellanta tghid illi hi ma setghatx tkun prezenti fizikament fl-edifizzju tal-Qorti. Pero' s-socjeta appellata kienet rapprezentata minn direttur taghha kif setghet facilment tkun hemm rapprezentata s-socjeta appellanta.

(xiv) Illi dwar il-hames aggravju dan huwa kompletament gratwuit u bir-rispett kollu qed jingiebu argumenti fil-meritu tal-kawza meta dawn ma jistghux jingiebu f'dan l-istadju. In oltre, in-nuqqas tal-konvenut fil-kawza li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, u cioe s-socjeta appellanta, jammonta ghal kontumacja u kwindi ma tistghax f'dan l-istadju tissolleva punti li qatt ma gew trattati fil-Prim'Istanza.

(xv) Illi fis-sitt aggravju taghha s-socjeta appellanti tghid illi hi ma setghatx tiddefendi l-kawza skond ma jitolbu l-principji tal-gustizzja naturali. Illi, l-procedura segwita mill-Ewwel Qorti hija ghal kollox korretta u skond il-ligi u ghalhekk ma hemmx lok ghat-thassir tas-sentenza appellata. In oltre, tant anzi kien hemm smiegh, li l-Qorti minflok qabdet u ddecidiet il-kawza "minnufih", ipposponiet, forxi xi rapprezentant tal-kumpanija appellanta jitfacca l-Qorti. Dan ma garax u ta' din in non curanza, s-socjeta appellanti ghandha ssofri l-konsegwenzi.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, is-socjeta appellata tissottometti illi dina l-Qorti joghgobha tichad l-appell tas-socjeta appellanti, allura konvenuta, u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

5. L-appellant nomine jissottometti li darba li s-socjeta' konvenuta baghtet persuna debitament awtorizzata biex tirraprezentaha ghall-fini ta' din il-kawza, konfermament ma' klawsola numru 8 tal-Memorandum of Association taghha, l-Ewwel Qorti zbaljat meta, in assenza ta' direttur, qabdet u rriifjutat li tikkunsidra tali persuna bhala konvenut. Jghid li ma jaqbilx "ma l-interpretazzjoni verbali ta' l-Ewwel Qorti li l-accountant tas-socjeta' attrici huwa biss impjegat taghha" u kwindi mhux il-konvenut.

Fil-mori tal-proceduri quddiem din il-Qorti tela' jixhed, bil-permess taghha, Edmond Bartolo fejn ikkonferma l-fatti dikjarati fir-rikors ta' appell u esebixxa estratt mill-minuti tas-Socjeta', fis-sens li huwa kien gie mahtur bhala rapprezentant gudizzjarju ghall-fini ta' din il-kawza.

L-appellant nomine inoltre spjega r-raguni l-ghala dan Edmond Bartolo ma kienx deher ghas-seduta billi martu kellha tigi rikoverata l-Isptar proprju dakinhar stess tas-seduta fil-Qorti.

Skond l-appellat nomine, l-Ewwel Qorti ma kienx allura messha pposponiet il-kawza ghas-sentenza imma kien messha ddifferietha ghal gurnata ohra.

6. Il-Qorti, wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-appellat nomine, u wara li semghet it-trattazzjoni orali u rat l-atti tal-kawza, m'hijiex tal-fehma li l-appell tal-konvenut nomine ghandu jigi milqugh, u dan ghar-ragunijiet segwenti :

7. Din il-Qorti tibda billi tosserva li hija tenuta li timxi maggorment fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali, dan fuq l-iskorta tal-prassi li "quod non est in acti, non est in mundo." Il-Qorti taghmel dan mhux b'kapricc jew biex tiehu t-triq facli imma ghaliex kieku kellha tibda tistrieh fuq allegazzjonijiet tal-parti divan dak li suppost gara jew ma garax f'sede ohra, tispicca biex tintrometti ruhha f'terren li jkun ghal kollox incert u mhux kontrollabbli min-naha taghha. Illi proprju ghalhekk il-ligi procedurali tesigi li dak li jigri fis-seduta jigi vverbalizzat. Issa minn ezami tal-atti, <u>ma jirrizulta assolutament xejn minn dak li gie allegat mill-appellant nomine</u>. U presummibbilment kien ghalhekk li, l-appellant fir-rikors tieghu, jaghmel access ghal dak li sejjah

"interpretazzjoni verbali ta' l-ewwel Qorti" rigward il-presenza tal-accountant u l-ammissibilita' o meno tieghu in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta. Kull ma hemm imnizzel kwantu jirreferi ghall-konvenut dwar is-seduta tat-3 ta' Mejju 1999 kien li l-konvenut issejjah u ma deherx. Ebda verbal ta' protesta ma jirrizulta.

8. Illi imqar jekk verament fil-mument li ssejhet il-kawza l-imsemmi Edmond Bartolo kellu jitqies li huwa gie individwalment nominat biex jirraprezenta lis-socjeta' konvenuta, l-fatt li ma tressaqx kif mehtieg jirrizulta li,

(i) Meta ssejhet il-kawza ma deher hadd in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta kif titlob il-ligi ; la deher ir-rapprezentant veru u proprju taghha skond il-ligi u lanqas minn suppost gie nominat minfloku.

(ii) Li l-Ewwel Qorti ma kellha xejn quddiemha xort'ohra, ghajr dak li jallega odjernament l-avukat taghha, biex jigi muri lilha – almenu in iskritt – li tassew li r-rapprezentanza legali giet mghoddija fuq l-accountant Edmond Bartolo ghall-fini ta' din il-kawza ; u li, inoltre, dan Edmond Bartolo ma setghax ikun fizikament prezenti ghall-ewwel dehra skond il-ligi.

(iii) Ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lis-socjeta' konvenuta milli, fic-cirkostanzi minnha allegati, tibghat lid-direttur biex jirraprezentaha, jew

li tappunta lil xi haddiehor ai termini tal-Memorandum u Articles of Association ritati minnha stess.

(iv) Ma gie esebit l-ebda Memorandum jew Articles of Association tas-socjeta' konvenuta ghall-eventwali konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti.

(v) Ma jirrizulta li saret ebda talba skond il-ligi ghal differiment a kazi ta' dak li gie ddikjarat mill-avukat tas-socjeta' konvenuta.

(vi) Ma jirrizulta xejn mill-atti tal-kawza li juri li l-Ewwel Qorti kellha skond il-ligi timxi proceduralment b'mod differenti minn kif imxiet. Illi ghalhekk ukoll huwa totalment infondat li jinghad li l-Ewwel Qorti naqset milli tosserva l-principju tal-gustizzja naturali tal-<u>audi allterampartem</u>, meta jirrizulta ampjament li s-socjeta' konvenuta ma nstemghatx minhabba nuqqasijiet attribwibbli lilha biss u lil hadd izjed.

(vii) Illi skond ma wiegbet u tallega l-kontroparti, mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti pposponiet il-kawza u ddecidietha "ftit wara", ghax skond hi kienu ghaddew madwar tlett sieghat qabel ma dik il-Qorti ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza appellata.

9. Illi l-bqija tal-aggravju jidhol fil-meritu tal-vertenza li, in assenza ta' provi kwalsiasi da parti tas-socjeta' konvenuta, u bi provi kontriha mhux kontradetti, ma jirrizultax attendibbli jew fondat. Lanqas ma

taqbel hawn il-Qorti li l-affidavi li fuqu tistrieh din il-procedura sommarja specjali ma jistghax jigi accettat bhala li jissodisfa r-rekwiziti li trid il-ligi, kif jallega, bla ma jelabora wisq, l-appellant.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta' konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mg